MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2010

Numru 1063/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**vs**
**Marvin Scicluna**
**George Frendo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Marvin Scicluna** ta’ 21 sena mwieled Pieta’ nhar is-7 ta’ Novembru 1988 bin Constantino u Antoniette *nee’* Vella residenti 56, Triq il-Kuncizzjoni Bormla, detentur tal-karta tal-identita numru 510888 u
**George Frendo** ta’ 24 sena mwieled Pieta’ nhar is-7 ta’ Novembru 1985 bin Ismael u Maria Dolores *nee’* Degabriele residenti Nru 9 Flat 2 Blk 10 Triq l-Inkurunazzjoni Bormla, detentur tal-karta tal-identita numru 555885M;

Talli b'diversi atti, anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, f'dawn il-Gzejjer:-

Nhar it-18 t'Ottubru 2010, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu, minn go Impjant tal-Gas tal-Enemalta, Triq il-Qajjenza, B'Bugia kkommettejtu serq ta' cilindri tal-gas, liema serq jaccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' kumpanija Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-lok;

Talli nhar it-18 t'Ottubru 2010 u fil-jiem ta' qabel din id-data gewwa fond 'Enemalta Ltd', fi Triq il-Qajjenza , B'Bugia, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghuhom, jew imexxuhom;

Il-Qorti hija mitkuba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-lig, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati minnhom ikkonfermata wara li l-Qorti kkoncediet zmien sufficjenti biex jahsbu dwar l-ammisjoni taghhom meta mistoqsija jekk u x'iridu iwiegbu ghall-akkuzi kontra taghhom;

Stante ammissjoni, l-ewwel akkuza tirrizulta pruvata u ghalhekk il-Qorti qed issibhom hatja taghha filwaqt illi tastjeni milli tieghu konjizzjoni tat-tieni akkuza stante li hija wahda alternattiva ghall-ewwel akkuza;

Rat l-artikoli 261(b)(c) u (e), 363, 267, 269 u 278 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali tal-imputati kif ukoll li l-imputati ammettew fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u kkoperaw bis-shih mal-Pulizija.

Tikkundanna lill-imputati ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputati jikkommettu rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 kif ukoll soggett li l-imputati solidament ihallsu l-valur tal-oggetti minnhom misruqa fl-ammont ta’ Euro 4750.00 fi zmien sitt xhur mil-lum ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imptuati naxxenti minn din is-sentenza.

Tordna li l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------